**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar 2016

Talba Numru: 848/2015

Numru fuq il-Lista: 14

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Emanuel Mifsud** K.I. 530947(M)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 t' Ottubru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' ħames mija u tmienja u għoxrin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€528.87), liema ammont

huwa in konnessjoni mas-servizz telefoniku numerat 21460014 bl-akkont numru A/C40009395, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u ra li l-konvenut deher fis-seduta tal-lum stess 21 ta' Jannar 2016, fejn huwa stqarr illi l-ammont pretiż huwa dovut iżda talab illi dan l-ammont jitħallas minnu f'rati mensili ta' tletin ewro (€30). Ra illi s-soċjeta` attriċi m'oġġezzjonatx għal dan.

It-Tribunal spjega lill-konvenut l-effett tal-ammissjoni tiegħu kif ukoll tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet u li jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' ħames mija u tmienja u għoxrin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€528.87), liema somma għandha titħallas fl-ammont ta' tletin ewro (€30) kull xahar. Jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih. L-imgħax legali jiddekorri mid-data ta' kwalsiasi pagament illi ma jsirx, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur